**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Mario Scicluna**

Numru: 51/2012

Illum 12 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Scicluna,** ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Anthony u Jane nee' Debono, imwieled Attard, nhar il-11 ta' Novembru 1970, residenti fil-fond numru 5, Maple Leaf Court, Flat 7, Triq Pawlu Portelli, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21571M, akkuzat talli nhar it-28 Jannar 2011, ghall-habta tal-ghaxra (10:30hrs), u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda u cioe′ talli gewwa l-Gozitano Complex, Xewkija, Ghawdex, bhala wiehed mill-propjetarji tal-fond ***Jubilee Foods***;

1) għamel użu, xjentement, ta′ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista′ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b′din il-marka, sinjal jew emblema;

2) waħħal fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza, jiġifieri, waħħal iffalsifikata jew imbiddla, ċifra, kelma jew marka illi skont l-użu tal-kummerċ tiswa biex turi l-lok jew pajjiż li fih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta, u l-mod li bih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta;

3) immanifattura, kellu fil-pussess tieghu jew biegh ghasel ippakkjat minn qabel (Pure Gozo Honey) kif imfisser fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2004 tal-Ghasel, li ma kienx jikkonforma mal-htigijiet kif imnizzlin fit-Tieni Skeda tal-istess Regolamenti billi ma kellux il-kriterji ta′ kompozizzjoni tal-ghasel billi l-livell ta′ diastase kien inqas minn dak permess, billi l-konduttivita` tal-elettriku kienet f′livell aktar minn dak permess, kif ukoll billi l-livell ta′ HMF, il-kontenut ta′ fruttozju u glukozju kien inqas minn dak permess u l-livell ta′ sakkarozju kien f′livell aktar minn dak permess;

4) biegh jew kellu fil-pussess tieghu ikel (Pure Gozo Honey) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta′ ikel kif mitlub mix-xerrej;

5) biegh jew kellu fil-pussess tieghu ippakkjat minn qabel (Pure Gozo Honey) li kien iqarraq lix-xerrej dwar in-natura, il-proprjetajiet u l-kompozizzjoni tieghu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 156) datata 17 ta′ Lulju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat Mario Scicluna biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali taht dak li hemm mahsub:

(1) Fl-artikolu 298(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-artikolu 298(1)(e)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-artikolu 3 tal-L.S. 449.38 u fl-artikoli 14(1)(a), 14(2)(e), 17(1)(2), 43(3), 45 u 46 tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(4) Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-24 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 157 u 158), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-17 ta' Lulju 2013, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fid-29 ta' Marzu 2016, id-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub (a fol. 278 et seq.).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

*Fattispecie* **tal-kaz**

Id-Dipartiment tal-Agrikoltura sarulu ilmenti illi kien qieghed jinbiegh xi ghasel li ma kienx ta' Malta u li kien qieghed jigi ppakkjat fil-vazetti bit-tikketta ta' Malta.

Fit-28 ta' Jannar 2011 telghu Ghawdex zewg ufficjali tad-Dipartiment, Emanuel Buhagiar u Philip Camilleri, biex jispezzjonaw diversi postijiet u jaraw x'kien qieghed jigri.

Wahda minn dawn l-ispezzjonijiet saret gewwa l-fond tal-*Jubilee Foods* li jinsab gewwa l-Gozitano Complex, Xewkija, Ghawdex.

Dakinhar l-imputat li kien il-persuna responsabbli minn *Jubilee Foods* kien imsiefer.

L-Ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura Emanuel Buhagiar spjega x'gara meta marru jaghmlu l-ispezzjoni fil-fond tal-*Jubilee Foods*.

> Fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar għal ħabta tad-disgħa nieqes kwart (~ 8.45) aħna ġejna Għawdex minn Malta, jien u Philip Camilleri u morna l-*Gozitano Complex* fil-post tal- tal-*Jubilee Foods* fejn jinħadem ix-xogħol tiegħu bħala fabbrika. Hemmhekk konna ħabbatna u fetħilna ċertu Derek Cardona, li kien jaħdem hemmhekk u staqsejnieh għal xi ħadd mis-sidien, billi aħna ma nafuhomx, jien ma kontx nafhom. U hu qalli li hawnhekk jieħu ħsiebu ċertu Mario Scicluna u bħalissa qiegħed imsiefer. Għidtlu "aħna hawnhekk ġejna minn Malta u nixtiequ ninqdew illum fuqha dini il-biċċa xogħol" billi jkolli impennji oħrajn fil-Qorti ta' Malta jiena, aħna waħidna hemmhekk, kulma hemm tnejn minn nies allura ma nistgħux noqogħdu kull darba telgħin. Qalli, "Mela ħa nċempillu" qalli, "Għax dan qiegħed imsiefer," U ċempillu u kellimtu bit-telephone jien. U qalli biex nistenna għal darb' oħra biex jiġi, niġu aħna meta jkun ġej hu minn barra. Għidtlu, "Aħna ma nistgħux noqogħdu nistennew," għidtlu, "fil-każ irridu mmorru għal

pulizija fiha din il-biċċa xogħol," u hekk għamilna aħna, wara li kellimtu.[1]

Gie elevat vazett mimli bi prodott, liema vazett ma kienx *labelled*.

Dan il-vazett gie moghti lil Dr. Everaldo Attard, spizjar u specjalista fil-kimika agrarja.

Wara ttiehdu proceduri penali fir-rigward ta' Alexander Scicluna u l-imputat peress li kien allegat li l-kontenut ta' dan il-vazett elevat kellu go fih l-ghasel u dan l-ghasel ma kienx pur.

**Dewmien ta' proceduri**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2012 fuq allegat kaz li sehh fit-28 ta' Jannar 2011.

Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Il-Qorti nnutat li fi hdax (11) il-seduta biss instemghu xiehda. Xehdu erbatax (14)–il xhud, hamsa minn dawn regghu xehdu darb'ohra.

**Fit-28 ta' Novembru 2012**

Emanuel Buhagiar (*a fol.* 64 *et seq.*), Philip Camilleri (*a fol.* 72 *et seq.*), Dr. Everaldo Attard (*a fol.* 76 *et seq.*), Ex-PS1464 Michael Portelli (*a fol.* 78 *et seq.*), Dr. Carmelo Galea (*a fol.* 80);

[1] Xiehda moghtija minn Emanuel Buhagiar fit-28 ta' Novembru 2012

**Fid-9 ta' Jannar 2013**

L-Ispettur Josric Mifsud (*a fol.* 117 *et seq.*);

**Fl-20 ta' Frar 2013**

Ex-PC 1351 Alfred Grech (*a fol.* 124 *et seq.*); Philip Cassar Torregiani (*a fol.* 127 *et seq.*);

**Fit-12 ta' Gunju 2013**

Derek Cardona (*a fol.* 145 *et seq.*);

**Fl-20 ta' Novembru 2013**

Dr. Everaldo Attard (*a fol.* 160 *et seq.*);

**Fid-9 ta' April 2014**

Emanuel Buhagiar (*a fol.* 180 *et seq.*); Philip Camilleri (*a fol.* 185 *et seq.*);

**Fis-17 ta' Gunju 2014**

L-Ispettur Josric Mifsud (*a fol.* 190 *et seq.*); Ex-PS1464 Michael Portelli (*a fol.* 193 *et seq.*);

**Fit-12 ta' Mejju 2015**

Id-deposizzjoni ta' Alexander Scicluna li nghatat fil-kawza **Pulizija vs Alexander Scicluna** (Kawza Nru. 33/2012) fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 207 *et seq.*) kienet mdahhla f'dan il-process;

**Fit-3 ta' Gunju 2015**

Dr. George Peplow (*a fol.* 231 *et seq.*);

**Fit-22 ta' Ottubru 2015**

Joseph Borg (*a fol.* 243 *et seq.*); Guy Kurkiyan (*a fol.* 253 *et seq.*); Derek Cardona (*a fol.* 255 *et seq.*);

**Fit-2 ta' Frar 2016**

Stephan Spiteri (*a fol.* 264 *et seq.*)

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Huwa minnu illi l-kaz kien x'aktarx kompless u kien jeħtieg certa tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtiega biex il-process, mhux jintemm, izda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareg l-att ta' akkuza. Fil-fatt ezami tal-process ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-kaz jew minħabba l-volum ta' xhieda, izda minħabba l-mod kif il-process tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li process jibda u jintemm izda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urgenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-process jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' rizorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni individwali biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-rizorsi kollha meħtiega biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal-gustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, izda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il-mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħazin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[2]

[2] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### Preliminari

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati

ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri

tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**Responsabbilta vikarja**

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputat, il-Qorti tinnota li fic-citazzjoni l-imputat gie akkuzat *"bhala wiehed mill-proprjetarji tal-fond Jubilee Foods"* (*a fol.* 1). Irrizulta mill-provi li b'dan l-isem huwa maghruf in-negozju li l-imputat ghandu flimkien ma' huh Alexander.

Ir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji esibixxa l-*memorandum* u l-*articles of association* ta' *Jubilee Foods Limited* u ta' *Jubilee Foods Retail Limited.*

*Jubilee Foods Limited* ġiet reġistrata fid-dsatax (19) ta' Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) u bħala diretturi tagħha għandha lil Alexander Scicluna (ID 350566M), Mario Scicluna (ID 21571M) u Anthony Scicluna (ID 381672M).

Alexander Scicluna huwa l-*managing director*, u Anthony Scicluna huwa s-segretarju tal-kumpanija.

*Jubilee Foods Retail Limited* twaqqfet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tal-elfejn u disgha (2009) u bħala diretturi għandha lil Alexander Scicluna (350566M), Mario Scicluna (21571M), u Anthony Scicluna (381672M). Segretarju huwa Anthony Scicluna.[3]

Illi, riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011, fejn inghad is-segwenti:

> *"Ghar-rigward tat-**tieni aggravju**, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost id-dettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li r-responsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioé in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali.[4] Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kienx hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'[5]. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi ga kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement avviso a comparire u*

[3] Mix-xiehda moghtija minn Dr Carmelo Galea fit-28 ta' Novembru 2012

[4] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Artikolu 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310(A), 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

[5] Ara Appelli Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Bonnici**, 26/5/1995; **Pulizija vs. Carmel Camilleri**, 5/11/2004; **Pulizija vs. Joseph Vella**, 2/2/2006.

*hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post, hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat.* [6] *Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tac-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghdha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali*[7]. *Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti -- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint".*

Illi dak li nghad f'din is-sentenza jista' jigi applikat ukoll *mutatis mutandis* ghall-fatt li fic-citazzjoni gew indikati l-kliem li gew kwotati aktar 'il fuq u b'hekk ic-citazzjoni kontra l-imputat tista' xorta wahda titqies bhala wahda valida.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet* ***direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili*** *tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."* (enfasi tal-Qorti)

[6] Ara *inter alia* Appell Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Vella**, *supra*.
[7] Ara Artikolu 13 tal-Kapitolu 249.

Dan ifisser allura illi r-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputat jigi citat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b'mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali u li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu bhala ufficjal/direttur tal-korp.

Dak li jrid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huwa kien id-direttur, jew ufficjal tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huwa allura qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut mill-Qorti Appell Kriminali (Onor. Prim'Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-kaz "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

> *"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f'ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**<u>Izda</u>**:

> *"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, **<u>fl-imputazzjoni jew fl-akkuza</u>** – mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – **<u>ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed</u>***

***jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indikazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[8]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta vikarja tal-imputat ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, jibqa ghalhekk biex jigi determinat jekk giex ippruvat illi fil-vesti tieghu kif indikat fl-akkuza huwa jistax jinzamm responsabbli ghal dak akkuzat bih mill-prosekuzzjoni.

**Procedura dwar it-tehid ta' kampjuni**

Skont ir-regolamenti stabbiliti u vigenti tar-**Regolamenti dwar Procedura dwar it-Tehid ta' Kampjuni fis-Sigurta' fl-Ikel**[9] jipprovdi dwar kif ghandu jittiehed kampjun u dak li jrid jaghmel l-ufficjal awtorizzat biex jiehu kampjun.

Mod kif jittiehdu l- kampjuni

Artikolu 9 kif ufficjal awtorizzat jista' jiehu minn kull post:

*(a) "kampjun selettiv" li hu kampjun li jingabar kemm biex juri jew kemm biex jirregistra kondizzjonijiet mhux sodisfacenti osservati matul xi spezzjon jew biex tigi provduta unità ta' ikel li tkun suspetta li mhux sodisfacenti ghall-analisi li ssir fil-laboratorju; u kampjun selettiv ghandu jkun daqstant rapprezentattiv tal-kunsinna, taghbija jew lott totali li jingabar minnu daqskemm ikun possibbli u d-daqs tieghu ghandu jkun sufficjenti sabiex tkun tista' tigi mtennija l-analisi, jekk ikun mehtieg;*

[8] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006
[9] Legislazzjoni Sussidjarja 449.31 li dahlet fis-sehh bl-Avviz Legali 265 ta' l-2002

*(b) "kampjun oggettiv" li hu kampjun li jingabar minn lott ta' l-ikel fuq bazi ta' rutina, ghal sorveljanza kif gie gie, gbir ta' informazzjoni ghal xi ghan specifiku, jew sorveljanza sabiex jigi stabbilit jekk l-ikel ikunx ghal xi raguni mhux sodisfacenti; u kampjun oggettiv ma ghandux ikun kampjun daqstant rapprezentattiv imma ghandu jkun sufficjenti biex ikun jista' jigi ezaminat, analizzat jew biex jingieb bi prova jew kif jigi xort'ohra stabbilit bl-Att.*

<u>Dmirijiet ta' ufficjal awtorizzat</u>

Artikolu 10 (1) jipprovdi li meta l-ufficjal awtorizzat jiehu kampjun huwa ghandu:

*(a) jgharraf bil-fomm lill-bejjiegh jew lil min ikun responsabbli li huwa jkun bi hsiebu jghaddi l-kampjun ghall-analizi jew ezami;*

*(b) kull meta jintalab mill-bejjiegh jew minn min ikun responsabbli, fil-waqt tat-tehid tal-kampjun, u kemm- il darba, fil-fehma ta' l-ufficjal awtorizzat, ma jkunx ragonevolment prattikabbli li jsir il-qsim tal-kwantità mehuda jew dan ikun jinterferixxi ma' l-analisi jew l-ezami, huwa ghandu jaqsam il-kampjun fi tliet partijiet li jkunu ftit jew wisq indaqs, li parti wahda minnhom tigi moghtija lill-bejjiegh jew min ikun responsabbli, u z-zewg partijiet l-ohra jinzammu mill-ufficjal awtorizzat ghall-analisi jew ezami;*

*(c) jizgura, sakemm dan ikun prattikabbli, li t-tehid tal- kampjun u l-mess bl-idejn isiru b'tali mod li l-kampjun ta' l-ikel ma jigix xort'ohra kontaminat;*

*(d) sakemm ikun ragonevolment prattikabbli, jhalli l-lott minn fejn ikun ittiehed il-kampjun intatt u jaccerta li ma ssir ebda hsara mhux mehtiega lill-merkanzija;*

*(e) jissigilla l-kampjun li jittiehed, jew xi parti minnu skond ma jista' jkun il-kaz hekk li dan ma jkunx jista' jinfetah minghajr ma*

*jinkiser is-sigill li ghandu jkollu numru individwali u jkun ta' xorta li ma jkunx jista' jitbaghbas:*

*Izda ma jkunx hemm ghalfejn li l-kampjuni jigu ssigillati individwalment sakemm il-kampjuni kollha ssigillati kollettivament jigu kkunsinnati fl-istess laboratorju ufficjali jew post iehor ghall-analisi jew ezami;*

*(f) jizgura li l-kampjuni jittiehdu, jinzammu, jingarru, jinhaznu, jintmessu u jigu trasportati taht kondizzjonijiet li f'cirkostanzi normali jitqiesu bhala adatti.*

Fil-każ tal-kampjun li ttieħed ma ġietx segwita l-proċedura neċessarja sabiex jiġi aċċertat li dak il-kampjun ma jiġix mittiefes. Dr. Everaldo Attard[10] fix-xiehda tieghu qal li li huwa nghata kampjun li kien flixkun normali li ma kellu l-ebda tip ta' sigill. Ix-xhud Emanuel Buhagiar[11] qal li l-vazett ma kienx issigillat imma kien maghluq bit-tapp. L-istess ufficjal ikkonferma li huwa ma ssiggillax dan il-vazett. Dan gie kkonfermat ukoll mix-xhud Philip Camilleri.

Il-prosekuzzjoni naqset li ggib prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi dan il-kontenitur baqa' ezatt fl-istess stat kif kien minn x'hin ittiehed mill-fond tal-*Jubilee Foods* fil-Gozitano Complex, fix-Xewkija, Ghawdex.

L-espert Dr. Everaldo Attard spjega li skont il-procedura, mill-kampjun li jittiehed, id-Dipartiment suppost jaqsam dan il-kampjun fi tlett porzjonijiet u wiehed jaghtih lill-bejjiegh; l-iehor jaghtih lill-espert biex jaghmel it-testijiet fuqu u l-iehor jinzamm mid-dipartiment f'post sigur halli jekk jinqala' xi haga, ikun hemm dan il-kampjun ezistenti.

---

[10] Xiehda moghtija fl-20 ta' Novembru 2013
[11] Xiehda moghtija fid-9 ta' April 2014

Mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ma gabitx prova li f'dan il-kaz giet segwita din il-procedura.

Ix-xhud Alexander Scicluna[12] spjega li huwa ma nghata l-ebda kampjun mid-Dipartiment: *"lili ma tawni xejn. Ma tawni xejn u sa fejn naf jien baqghu hergin. Illum sirt naf minhabba l-proceduri li konna qed nitkellmu li suppost tawni ftit minnu dan halli jien inkun nista' nittestja bhalma jittestjaw huma, suppost issigillawh, suppost li ffirmajna li hadu sample jiena u huma. Minn dak ma gara xejn. U dan ma kontx naf bihom dak iz-zmien."*[13]

Ix-xhud Emanuel Buhagiar[14] kkonferma li hu u l-kollega tieghu Philip Camilleri hadu flixkun wiehed u li dan il-flixkun haduh maghhom u ma qasmuhx f'diversi kampjuni u li huwa ma ta l-ebda kampjun minn dan il-flixkun li ttiehed lil Alex Scicluna. Philip Camilleri kkonferma l-verzjoni ta' Buhagiar.

L-ispettur Josric Mifsud[15] spjega li l-vazzett li ttiehed qatt ma ghadda fil-pussess tal-Pulizija izda baqa' jinzamm mill-ufficjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u li ma ta ebda struzzjoni biex l-oggett migbur jigi ssiggillat qabel ma' jittiehed ghand l-espert.

Dwar il-procedura xehed ix-xhud tad-difiza Dr. George Peplow:

> *bhala procedura meta wiehed imur jaghmel is-sampling ghall-fini legali ….suppost irid ikun hemm tlett (3) samples. Issa fil-kaz taghna ta' hawnekk tal-ghasel ma jfissirx li trid tiehu sample vazett wiehed biss, wiehed, tnejn, tlieta, pero' trid tiehu representative samples mill-batch kollu li hemm u jkunu tlieta – wiehed biex izommu s-CEO tal-kumpanija u jkun issiggillat minn*

[12] Akkuzat separatament b'akkuzi simili liema xiehda ta fil-kaz kontra tieghu u li b'ordni tal-Qorti l-istess xiehda giet inserita' f'dan il-process.
[13] Xhieda moghtija fit-12 ta' Mejju 2015.
[14] Xhieda moghtija fid-9 ta' April 2014
[15] Xhieda moghtija fis-17 ta' Gunju 2014

*min imur jaghmel il-prelevazzjoni, l-iehor jintbaghat ghall-analizi u l-iehor jinzamm issigillat dejjem ghall-fini tal-Qorti*[16]

Ghalhekk, f'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni ma ressqitx prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi dan il-kontenitur baqa' ezatt fl-istess stat kif kien minn x'hin ittiehed mill-fabbrika.

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

Minn analizi tal-provi prodotti johrog li:

L-imputat ma kellux x' jaqsam mal-manifattura tal-ghasel u li huwa sempliciment kien ibiegh prodott li lilu kienu jinfurmawh li kien ghasel pur u li kien ihallas il-flus ghalih lil tali *supplier* ta' ghasel pur.

Meta gie elevat il-prodott in kwistjoni, liema prodott gie ndividwat bhala ghasel, mhux konformi, ittiehdu passi kontra l-imputat minghajr ma ttiehdu l-ebda passi kwalsiasi kontra min issupplixxa l-ghasel.

<u>Avukat Dottor Georgine Schembri</u>:
Sewwa. Dan Stephen Spiteri li semmejt li tixtru mingħandu xi darba kellkom għax tiddubitaw minnu?
<u>Ix-xhud</u>:
Ma kellniex għalfejn niddubitaw minnu għaliex skont ma għadni kemm għidt fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru two thousand and ten (2010) li jiġi qabel ma ġara l-każ ġew ħadu prodott minn tiegħu, ittestjawh, qalulna li kollox sewwa, għandi email biex nikkonferma li kollox sewwa, m'għandix għalfejn niddubita lil xi ħadd.
<u>Avukat Dottor Georgine Schembri</u>:
Imbagħad wara li ġara dan il-każ x'għamiltu?
<u>Ix-xhud</u>:
Imbagħad waqafna ovvjament nixtru kollox mingħandu.
<u>Avukat Dottor Georgine Schembri</u>:
U qabel x'kontu tixtru mingħandu apparti l-għasel?
<u>Ix-xhud</u>:

[16] Xhieda moghtija minn Dr George Peplow fit-3 ta' Gunju 2015

Apparti l-għasel kif għadni kemm semmejt konna nixtru *strawberry conserve, melon conserve, fig conserve, prickly pear conserve, melon conserve, orange conserve, apple and plum conserve, carob syrup* u *pomegranate conserve.*
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Kollox mingħandu.
Ix-xhud:
Kollox mingħandu.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
U minn meta nqala' l-inċident?
Ix-xhud:
Imbagħad ma bqajtx nafda lil ħadd iżjed u bdejna nagħmlu kollox aħna."[17]

Is-socjeta' li l-imputat hu direttur taghha ma kienetx timmanifattura l-ghasel. L-ghasel li kienet tbiegh is-socjeta' *Jubilee Foods* ma kienx jigi mmanifatturat mill-imputat jew mill-kumpanija minnu rapprezentata. F'dawn il-proceduri kien ippruvat li l-ghasel kien jinxtara mis-socjeta' minghand Stefan Spiteri[18]. Spiteri kien indikat mal-ufficjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura malli dawn bdew isaqsu fuq it-trobbija tan-nahal.

Stephan Spiteri meta xehed f'dawn il-proceduri kkonferma li l-ghasel li kienet tixtri *Jubilee Foods* kien jinxtara minghandu u li meta sehhet l-ispezzjoni in kwistjoni, dan kien ilu jinxtara minghandu ghal ammont ta' zmien.

Il-prodott li gie elevat mill-ufficjali ma giex ippruvat li kien verament tali prodott li kien jinbiegh minn *Jubilee Foods* bhala ghasel.

Il-vazett li ttiehed ma kien jikkontjeni l-ebda *label*. Dan kien ikkonfermat mix-xiehda ta' Emanuel Buhagiar u Philip Camilleri. Emanuel Buhagiar qal li kien gabar *label* izda din ma kinitx imwahhla mal-vazett.

[17] Xiehda moghtija minn Alexander Scicluna fit-12 ta' Mejju 2015
[18] Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015, Derek Cardona kkonferma li l-ghasel t'Ghawdex kien jinxtara minghand Stefan Spiteri u dan sa minn mindu l-Jubilee Foods bdiet tbiegh ghasel.

Mill-provi prodotti jirrizultaw dubji serji hafna dwar jekk il-prodott go vazett minghajr *label* li gie elevat fl-ispezzjoni kienx verament fih prodott li kien jigi pprezentat minn *Jubilee Foods* bhala ghasel.

Waqt dan il-process irrizulta li ftit xhur qabel rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sanita' ghamlu spezzjoni fuq l-ghasel li *Jubilee Foods* kienet tixtri minghand is-*supplier* Stephen Spiteri, u mill-analizi li saret lill-ghasel dakinhar elevat, irrizulta li l-ghasel kien konformi mal-legislazzjoni.

> "Fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tat-two thousand and ten (2010) is-Sanità ta' Għawdex kienet ġiet u elevat sample tal-Gozo Honey minn ġol-ħanut tagħna Jubilee Foods (Retail) ir-Rabat. Dawk għamlulu t-testijiet neċessarji u kienu bagħtulna email fejn jiena jirriżulta li kien kollox korrett. Mela lilna qatt ma seta' kellna suspett fuq min kien jissupplixxina li qed jipprova jqarraq bina. Dak fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April two thousand and ten (2010).
> Avukat Dottor Georgine Schembri:
> U min kien jissupplixxikom l-għasel f'April two thousand and ten (2010)?
> Ix-xhud:
> Stephen Spiteri.
> Avukat Dottor Georgine Schembri:
> L-istess wieħed –
> Ix-xhud:
> L-istess persuna, l-istess persuna. L-istess, qatt ma nbidel xejn. Imbagħad fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tal-istess sena, l-istess Sanità ta' Għawdex talbuna nikkjarifikaw min huma n-nies li jissupplixxuna bl-affarijiet u aħna bagħtnielhom il-lista u fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar tat-two thousand eleven (2011) inqala' l-każ.[19]

Dan ikkonfermah ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sanita' Joseph Borg[20] meta xehed li:

> *"kampjun ta' ghasel li ttiehed fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tal-elfejn u ghaxra (2010) ghasel lokali mill-istabiliment tal-Jubilee Foods fir-Rabat, Ghawdex li jappartjeni lil Alex u Mario Scicluna.*

[19] Xiehda moghtija minn Alexander Scicluna fit-12 ta' Mejju 2015
[20] Xhieda moghtija fit-22 ta' Ottubru 2015

*…Ir-rizultat indika li kien fil-parametri tal-legislazzjoni tal-legal notice 213/2014 u ghar-regolament dwar l-ghasel… l-ghasel kien konformi mal-legislazzjoni, kien tajjeb."*

Il-Qorti ghandha dubju dwar kif l-istess xorta ta' ghasel manifatturat f'okkazzjonijiet differenti mill-istess *supplier* kien konformi mal-legislazzjoni, u din id-darba le.

**<u>It-tieni Imputazzjoni</u>**

Dwar it-tieni imputazzjoni ma saret ebda prova li l-imputat "wahhal iffalsifika jew mibdula, cifra, kelma jew marka" kif mehtieg ghas-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni.

Il-vazett li ttiehed fl-ispezzjoni ma kien jikontjeni l-ebda tabella fuqu. Kien vazett minghajr l-ebda informazzjoni fuqu.

Ix-xhud Emanuel Buhagiar jaghti deskrizzjoni ta' dak li kien elevat mill-fond in kwistjoni:

*Flixkun tal-hgieg maghluq bit-tapp ileqq u li kien mimli b'likwidu ta' lewn kannella. Dan il-flixkun li ma kellux tikketta mwahhla fuqu ghax kien ghadu fil-post li jismu Jubilee Foods Ltd., Gozitano Complex, Mgarr Rd., Xewkija, Ghawdex. It-tikketta bl-isem Pure Gozo Honey li kienet ghada ma twahhlitx fuqu giet moghtija lilna minn Cardona Derek il-haddiem li kien fl-imsemmi post.*[21]

Mill-provi prodotti ma jirrizultax illi sar xi uzu minn tabella jew twahhlet xi tabella li kienet wahda li tqarraq bil-konsumatur.

[21] Minn dokument esebit *a fol*. 64

**<u>It-tielet Imputazzjoni</u>**
**<u>Ir-raba' Imputazzjoni</u>**
**<u>Il-Hames Imputazzjoni</u>**

Il-Qorti issa ser tiddeciedi jekk il-proċess kollu li sar sabiex jittieħdu l-kampjuni għall-analisi li fuq ir-riżultat tiegħu tistrieħ primarjament l-akkuza li l-imputat ma jikkonformax ma' dak dettat mir-regolamenti tal-Avviż Legali 265/2002, S.L. 449.32 u ghalhekk bil-konsegwenza li l-istess riżultati jkunu radikalment vizzjati u ma jistgħux iservu ta' prova kontra tiegħu.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Michelina Enriquez u Jamie Charles Enriquez**[22] u Il-**Pulizija v. Simon Kris Enriquez**[23] li trattaw dwar kampjun mehud dakinhar stess li ttiehed kampjun mertu ta' din il-kawza u kien jirrigwarda l-istess ufficjali li xehdu f'dawn il-proceduri.

Effettivament is-sejbien ta' ħtija jew le tal-imputat tistrieh primarjament fuq ir-riżultat tal-analisi tal-kampjun tal-materjal elevat mill-fond *Jubilee Foods* fil-Gozitano Complex fix-Xewkija, Għawdex, b'tali mod li jekk l-istess riżultat analitiku jiġi skartat l-imputat ma jkunx jista' jiġi ritenut responsabbli tar-reati migjuba kontrih fl-imputazzjonijiet tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5).

Il-Qorti analizzat dak li jipprovdi r-Regolamenti dwar Proċedura dwar it-Teħid ta' Kampjuni fis-Sigurtá fl-Ikel (A.L. 265/2002) li skont ir-regolament 2 tagħhom japplikaw għal kull ikel, sors ta' ikel, ikel gdid u addittivi kif imfissra fl-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel.

Skont l-artikolu 2 tal-Att imsemmi "ikel" tfisser kull sustanza jew prodott kemm jekk ipproċessati, ipproċessati parzjalment jew mhux

[22] Appell Numru 185/14G deciz mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri
[23] Appell Numru 181/2014 deciz mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri

ipproċessati, li huma maħsuba, jew raġonevolment mistennija li jigu inġeriti mill-bnedmin.

Ma hemm l-ebda dubju li l-għasel jikkwalifika bħala ikel għall-finijiet tal-Att. Ir-regolamenti tal-A.L. 265/2002 għalhekk japplikaw għal kampjuni ta' għasel li jittieħdu għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel.

Ir-regolamenti msemmija jipprovdu ħtiġijiet li jridu jiġu segwiti fit-teħid ta' kampjuni għall-analisi sabiex tiġi żgurata l-konformitá ma kull disposizzjoni tal-Att imsemmi u tar-regolamenti kollha magħmulin taħtu[24].

L-artikolu 24 tal-Att imsemmi jipprovdi l-operazzjonijiet li minnhom għandu jkun magħmul il-kontroll tal-ikel taħt l-Att u dawn jinkludu spezzjonijiet ta' postijiet tal-ikel u t-teħid ta' kampjuni u analiżi ta' ikel u, jew sorsi ta' ikel. L-artikolu 25 imbgħad jipprovdi għall-ħwejjeġ li huma suġġetti għall-ispezzjoni u jipprovdi li tali spezzjonijiet għandhom isiru minn "uffiċjal awtorizzat fl-infurzar u fl-esekuzzjoni" tal-Att. Skont l-artikolu 2 tal-Att "uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna li tkun kwalifikata kif imiss għas-sodisfazzjon tal-awtoritá tas-saħħa u r-regolament 9 tar-regolamenti tal-A.L. 265/2002 jipprovdi l-mod kif jittieħdu l-kampjuni minn uffiċjal awtorizzat.

Il-Qorti tfakkar li l-ispezzjonijiet li jsiru fl-infurzar u fl-esekuzzjoni tal-Att dwar is-Sigurtá fl-ikel iridu jsiru minn uffiċjali awtorizzati u hekk ukoll il-kampjuni li jittieħdu għall-finijiet ta' tali infurzar iridu wkoll isiru minn tali uffiċjali awtorizzati.

L-ispezzjoniijiet li saru fil-fond Gozitano Complex, Xewkija, Ghawdex fil-fond tal-Jubilee Foods saru minn Emanuel Buhagiar u Philip Camilleri bl-assistenza ta' uffiċjali tal-pulizija.

[24] Ara tifsira ta' "analisi" skont ir-regolament 3 tal-A.L. 265/2002

Fl-atti jirriżultá li l-persuni msemmija huma uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura taħt il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali izda fil-kors kollu tal-proċeduri odjerni ma ġiet prodotta ebda prova li kienu persuni kwalifikati kif imiss għas-sodisfazzjon tal-awtoritá tas-saħħa kif jirrikjedi  l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel u għalhekk ma jirriżultax pruvat li kienu "uffiċjali awtorizzati" għall-finijiet tal-istess Att u r-regolamenti li saru taħt l-istess Att.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawzi ccitati aktar 'il fuq sostniet li *"jiżdied jingħad li anki kieku irriżulta li l-persuni msemmija kienu "persuni awtorizzati" għall-finijiet tal-Att u r-regolamenti relevanti hu ferm kwestjonabbli kemm ġew segwiti uħud mid-dettami tar-regolamenti 10*[25] *u dak meħtieġ mir-regolament 11 tal-A.L. 265/2002."*

Il-premess iġib bħala konsegwenza li din il-Qorti ma tistax tagħti piz legali bħala prova lill-konklużjonijiet tal-espert analista Dr. Everaldo Attard għall-finijiet tar-reati taħt l-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel u taħt ir-regolamenti magħmulin taħt l-istess Att in kwantu dawk il-konklużjonijet jirrigwardaw kampjun li ma jirriżultax li ttieħed konformement mal-istess Att u regolamenti.

Għalhekk, apparti kull kunsiderazzjoni oħra dwar giex ippruvat skont il-liġi l-għemil materjali tar-reati in kwistjoni, il-Qorti ma tistax legalment issib lill-imputat ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet u għalhekk sejra tilliberah minnhom.

**Vigilanti u precizi**

Il-Qorti thoss li l-Ufficjali inkarigati li jaghmlu l-ispezzjonijiet ghandhom ikunu mharrga sewwa dwar x'jehtieg minnhom meta jaghmlu l-ispezzjonijiet u l-procedura li l-ligi titlob minnhom meta jiehdu l-kampjuni biex ikunu analizzati.  Ghandhom ikollhom ukoll appogg minn *staff* b'konoxxjenza tal-ligi u ma jithallewx jghumu

[25] Fosthom tar-regolament 10(1)(e)(f)

wehidhom fi proceduri kultant kumplikati. Huwa fl-interess tal-konsumatur li dawn l-ufficjali jkunu vigilanti u precizi fil-hidma taghhom.

Il-Magistrat Inkwirenti li mexxa l-inkjesta' ma nghatatlux informazzjoni preciza. Il-fond fejn saret l-ispezzjoni ma kienx hanut u ma kienu elevati l-ebda prodotti ohra fosthom zejt kif intqal fir-rapport:

> *Illi nhar il-Gimgha 28 ta' Jannar, 2011 ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (1000hrs), gie informat li kien hemm bejgh ta prodotti agrikoli, ghasel li ma kienx ghasel izda suspett li kien zokkor imsahhan.*
>
> *Illi jirrizulta li dan il-hanut huwa il-Jubilee Foods li hemm il-Gozitano Complex, Xewkija.*
>
> *Illi minn search li saret fuq il-post instabu xi prodotti li gew elevati fosthom zejt suspett li mhux taz-zebbuga imma mibjugh bhala tali. Ghaldaqstant sabiex jsir konferma ta dawn il-fatti, gie mahtur Dr E. Attard (Kimiku)*[26]*.*

U lanqas irrizulta li l-vazett elevat kellu tikketta fuqu kif intqal fil-konkluzjoni fir-rapport tal-Process Verbal:

> "*Minn dawn il-konkluzzjonijiet jirrizulta illi dan il-kampjun elevat mill-ufficcjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura mill-indirizz hawn fuq indikat, liema kampjun konsistenti f'vazett tal-hgieg maghluq bit-tapp, illi fuq it-tikketta tieghu kien jghid illi kien jikkonsisti* "*Pure Gozo Honey*"*, fil-fatt irrizulta li ma kien ghasel xejn.*"[27]

---

[26] Rapport lill-Magistrat tal-Ghassa Dr Paul Coppini mill-Ispettur Josric Mifsud mdahhal il-Qorti fl-1 ta' Frar 2011 (Inkjesta Nru 5/2011)
[27] *A fol.* 36 rapport Process Verbal numru 618/11

Fl-istharrig li ghamlu l-Ufficjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura madwar Ghawdex dakinhar li ghamlu l-ispezzjonijiet fix-Xewkija, sabu f'lok iehor f'San Lawrenz (li m'ghandu l-ebda konnessjoni mal-imputat f'dawn il-proceduri) ghasel Sqalli ppakkjat bhala prodott Ghawdxi jigifieri l-qasba ma ccaqcaqx ghal xejn.

L-ghasel Malti hu sors bnin ta' nutrijenti u sustanzi naturali li ghandhom proprjetajiet kemm nutrittivi kif ukoll medicinali. Ghalhekk, l-ghasel bhala prodott Malti tant qajjem interess fid-dinja tar-ricerka, illi gew imnieda diversi studji sabiex jigi analizzat il-valur tal-ghasel b'mod xjentifiku[28].

Il-prodott agrikolu Ghawdxi ghamel avvanzi kbar fejn jidhol ippakkjar u *branding* tal-prodott. Huwa prodott bnin, genwin u naturali. Huwa anke l-interess ta' kulhadd li min jipprova jabbuza jinqabad u jittiehdu passi kontrih.

Huwa importanti hafna li meta jkun investigat kaz qabel mal-Pulizija tiehu passi, ghandha tara li jkollha provi bizzejjed sabiex tinstab htija lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Meta jkollok kaz bhal dan in ezami jista' jkollu konsegwenzi tant serji fuq ir-reputazzjoni tan-negozju tal-imputat, li kellu jistenna hames snin biex twettqet gustizzja tieghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-17 ta' Lulju 2013 b'mod partikolari Artikoli 17(h), 18, 298(1)(c), 298(1)(e), 298(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17(1), 17(2), 17(3) tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004, u

[28] Dr Everaldo Attard fir-relazzjoni fl-atti tal-inkjestadwar "Prodotti Agrikoli mibjugha bhala prodotti ta' kwalita gholja - *Jubilee Foods, Gozitano Complex (a fol.* 60*)*

Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004 ma ssibx lill-imputat Mario Scicluna hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minn kull akkuza.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**